



Brussell, 18 ta' Settembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0072 (COD)

10015/25
ADD 1

AVIATION 75
CONSOM 98
CODEC 762

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom
– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha¹ għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 f'Marzu 2013.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fil-11 ta' Lulju 2013. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
3. Il-Parlament Ewropew lesta l-ewwel qari tiegħu fi Frar 2014².
4. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fi [XXX].

II. OBJETTIV

5. L-objettivi tal-proposta huma li jiġi żgurat li t-trasportaturi bl-ajru jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni għall-passiġġieri tal-ajru meta jkun hemm interruzzjonijiet fl-ivvjaġġar, filwaqt li jiġi żgurat il-bilanċ it-tajjeb bejn l-interessi fuq perjodu twil kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-industrija.

¹ ST 7615/13

² ST 5941/14

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Punti ġenerali

6. Il-Parlament Ewropew adotta 168 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni. Ħafna minnhom huma aċċettabbli għall-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill inkludihom totalment, parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.
7. Il-Kunsill ma aċċettax l-emendi l-oħra fost affarijiet oħra minħabba li l-valur miżjud tagħhom ma kienx ċar jew minħabba li ma kinux konsistenti ma' partijiet oħra tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, jew minħabba li mhumiex kompatibbli ma' leġislazzjoni oħra tal-UE jew saru superfluwi minħabba proposti leġislattivi sussegwenti.
8. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tinkludi wkoll għadd ta' bidliet oħra minbarra dawk previsti fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. It-Taqsima D t'hawn taħt tiddeskrivi l-bidliet prinċipali ta' sustanza. Barra minn hekk, ġew riflessi deċiżjonijiet sinifikanti mill-Qorti tal-Ġustizzja mill-2013 u ċerti dispożizzjonijiet ġew speċifikati aktar fid-dawl ta' dawk id-deċiżjonijiet u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolamenti. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-proposti tal-Kummissjoni dwar l-infurzar u l-vjaġġi multimodali, il-pożizzjoni tal-Kunsill tallinja l-iskadenzi u t-terminoloġija kemm jista' jkun mal-Approċċi Ġenerali maqbuli mill-Kunsill f'Diċembru 2024 dwar dawk il-proposti. Fl-aħħar nett, hemm bidliet ta' abbozzar li jikkjarifikaw it-test u li jiżguraw il-koerenza ġenerali tar-Regolamenti proposti.

B. L-emendi tal-PE inklużi fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

9. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tinkorpora l-emendi li ġejjin, totalment jew parzjalment, jew test totalment jew parzjalment bl-istess objettiv: 38, 39, 174/REV, 52, 57, 64, 66, 70, 71, 77, 78, 82, 86, 90, 92, 94, 97, 107, 108, 109, 111, 126, 128, 141, 151, 150, 158, 162, 163, 164.

10. Madankollu:

- Il-pjanijiet ta' kontinġenza tal-ajruporti huma definiti fl-Artikolu 10a u huma obbligatorji għall-ajruporti tal-Unjoni li għandhom traffiku annwali li huwa oġġla minn 5 miljun passiġġier bil-possibbiltà li l-Istati Membri jipparteċipaw fl-inklużjoni fakultattiva tal-ajruporti tagħhom taħt dak il-limitu; dawk ir-rapporti jintbagħtu lill-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar fuq talba tagħhom biss.
- L-ammonti ta' kumpens għandhom jiġu aġġornati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.
- Jekk il-passiġġier jirriprogramma r-rotta tiegħu stess, ir-rimborż tal-ispejjeż jista' jammonta sa 400 % tal-kost sħiħ tal-biljett.
- Ir-rekwiżiti f'termini ta' informazzjoni tal-passiġġieri f'każ ta' interruzzjoni ġew speċifikati aktar u miżjuda taħt l-Artikoli 4, 5 u 6 biex tiżdied iċ-ċarezza tar-Regolament.
- L-informazzjoni kollha pprovduta lill-passiġġieri skont ir-Regolament 261/2004 għandha tkun f'format aċċessibbli.
- L-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 16a fil-pożizzjoni tal-Kunsill huma aktar favorevoli għall-passiġġieri.
- Filwaqt li l-Parlament Ewropew jipprevedi l-adozzjoni ta' atti delegati, il-Kunsill iqis li huwa aktar xieraq, minħabba l-importanza politika, li l-lista ta' ċirkostanzi straordinarji tiġi aġġornata miż-żewġ koleġiżlaturi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.
- Il-prinċipju tal-libertà tal-ipprezzar skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 għandu jiġi rispettat.

C. L-Emendi tal-PE mhux inklużi fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

11. L-emendi li ġejjin ma kinux aċċettabbli għall-Kunsill: 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48, 49, 50, 51, 53, 54, 55, 56, 58, 59, 60, 61, 63, 65, 67, 68, 69, 72, 73, 74, 75, 76, 79, 80, 81, 83, 84, 85, 87, 88, 89, 91, 93, 95, 96, 98, 99, 100, 101, 102, 103, 104, 105, 106, 110, 113, 112, 114, 115, 116, 117, 118, 119, 120, 121, 122, 123, 124, 125, 127, 129, 130, 131, 133, 134, 135, 136, 137, 138, 139, 140, 142, 143, 144, 145, 146, 147, 148, 149, 152, 153, 154, 155, 156, 157, 160, 161, 165, 166, 167, 168, 169.
12. Ma kinux aċċettabbli għar-raġunijiet li ġejjin.

Interazzjoni ma' atti oħra ta' leġiżlazzjoni u l-prinċipji tad-dritt tal-UE

- L-emenda 40 u l-emenda 56 mhumiex konsistenti mad-Direttiva (UE) 2015/2302.
- L-emendi 42 u 55 huma żejda fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-kuntest tal-vjaġġi multimodali.
- L-emendi 47, 48, 102, 114, 115 u 117 huma żejda fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri.
- L-emenda 96 mhijiex konformi fid-dawl tal-limiti definiti skont id-Direttiva (UE) 2015/2302.
- L-emenda 69 tiddefinixxi l-obbligi f'każ ta' insolvenza ta' trasportatur bl-ajru li jkunu indirizzati aħjar fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.
- L-emenda 101 tikkontradixxi l-obbligu tal-korpi ta' ġestjoni tal-ajruporti skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006.
- L-emenda 104 hija inkonsistenti mal-liġi ċivili u l-prinċipji tal-kuntratti kummerċjali.
- L-emendi 116 u 156 huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 u jinterferixxu ma' atti oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE.
- L-emendi 119, 120, 121, 122, 129, 130, 131, 132 u 135 jinterferixxu mal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri.

- L-emenda 145 tiddevja mill-Konvenzjoni ta' Montreal.
- L-emenda 147 tikkontradixxi l-obbligi stipulati fir-Regolament (KE) 1107/2006.

Valur miżjud limitat

- L-emendi 93, 112 u 127 m'għadhomx aġġornati.
- L-emendi 59, 134, 161, 165, 166, 167 u 168 jistgħu, fil-fehma tal-Kunsill, joħolqu konfużjoni legali.
- L-emendi 41, 136, 137, 138, 139, 140, 142, 143, 146, 149, 152, 155, 159, ma jipprovdex, fil-fehma tal-Kunsill, valur miżjud.

Diverġenza mill-każistika

- L-emendi 43 u 61 iqisu l-bidla fl-iskeda bħala imbark miċħud li l-Kunsill qies bħala mhux xieraq.
- L-emenda 73 għandha l-għan li tiddefinixxi d-dritt għar-rimborż u r-riprogrammar tar-rotta f'każ ta' skedar mill-ġdid b'aktar minn tliet sigħat qabel il-ħin tat-tluq inizjali, iżda l-prinċipju ta' trattament ugwali jirrikjedi li l-limitu massimu ta' żmien f'każ ta' rimborż, ta' rotta ġdida u ta' kumpens jiġu allinjati.
- Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija li titjira ddevjata għandha titqies bħala kanċellazzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet li jvarjaw mill-kundizzjonijiet proposti fl-Emendi 44 u 51.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija aktar adattata

- Ċirkostanzi straordinarji, min-natura tagħhom, ma jistgħux ikunu previsti. Il-lista ta' ċirkostanzi straordinarji għandha tibqa' mhux eżawrjenti f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni u għall-kuntrarju tal-Emendi 45 u 160.
- Id-drittijiet għandhom ikunu limitati għal titjiriet konnessi taħt kuntratt ta' trasport bl-ajru uniku skont il-ġurisprudenza u l-proposta tal-Kummissjoni, għall-kuntrarju tal-Emenda 46.
- Il-prezz tat-titjira jiġi kkalkulat skont il-proposta tal-Kummissjoni, għall-kuntrarju tal-Emenda 49.

- L-emenda 58 tħassar l-assistenza u l-kumpens immedjati mingħajr talba kif proposta mill-Kummissjoni u ddgħajjed id-drittijiet tal-passiġġieri.
- Meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, l-emenda 98 iżżid il-kumplessità tal-għażliet li qed jiġu offruti lill-passiġġieri u toħloq konfużjoni legali dwar il-firxa tal-ispejjeż li jistgħu jiġu koperti.
- Skont l-emenda 100, in-notifika tkopri l-vjaġġi kollha bl-istess biljett, filwaqt li l-Kunsill iqis li n-notifika tkopri l-vjaġġi kollha taħt l-istess kuntratt, kif propost mill-Kummissjoni.

Approċċ differenti segwit mill-Kunsill

- L-emendi 50, 63, 72, 74, 76, 79, 81, 83, 84, 85, 87, 88, 99, 105 mhumiex konsistenti mal-bidliet li introduċa l-Kunsill, li l-elementi ewlenin tagħhom jinsabu fit-taqsimi D hawn taħt.
- L-obbligu tal-passiġġieri li jippreżentaw ruħhom għall-imbark japplika biss f'każ li ma jitħallewx jitlegħu sakemm il-passiġġieri ma jkunux ġew infurmati minn qabel, b'kuntrast mal-emenda 53 li tapplika dak l-obbligu għall-interruzzjonijiet kollha.
- L-emenda 54 teskludi lit-tfal taħt l-età ta' sentejn li għalihom ma ġie bbukkjat l-ebda post separat mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru li jista' jikkawża kwistjonijiet sinifikanti għar-riprogrammar tar-rotta u l-assistenza tal-passiġġieri.
- L-emenda 60 testendi l-possibbiltà ta' korrezzjoni għal diversi żbalji ortografiċi u l-emenda 169 tillimita l-possibbiltà għat-trasportaturi bl-ajru li jiċħdu l-imbark lil passiġġier b'dokumentazzjoni invalida. Dawk l-emendi jista' jkollhom implikazzjonijiet legali u operazzjonali sinifikanti għat-trasportaturi bl-ajru.
- L-emendi 65 u 75 jillimitaw il-possibbiltà li jiġu invokati ċirkostanzi straordinarji għal żewġ titjiriet fis-sekwenza ta' rotazzjoni filwaqt li l-pożizzjoni tal-Kunsill tillimita dik il-possibbiltà għal tliet titjiriet fir-rotazzjoni.
- L-emenda 103 hija inkonsistenti mal-approċċ tal-Kunsill u l-istat attwali tal-liġi li teskludi l-kumpens doppju.
- L-emendi 80 u 118 mhumiex allinjati mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004.

- L-emenda 124 mhijiex konsistenti mal-approċċ segwit mill-Kunsill dwar il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti.

Piż żejjed

- L-emendi 67, 68, 106, 110 u 144 jimponu obbligi sproporzjonati fuq il-korpi tal-ġestjoni tal-ajruporti u t-trasportaturi bl-ajru.
- L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fir-rigward tat-titjiriet konnessi ma' modi oħra ta' trasport użati għar-riprogrammar tar-rota previsti mill-Emenda 89 tiġġenera diffikultajiet operazzjonali.
- L-emendi 91, 152, 153, 154 u 157 jintroduċu piż sproporzjonat fuq it-trasportatur bl-ajru u jistgħu jiġġeneraw diffikultajiet operazzjonali serji.
- L-introduzzjoni tal-emenda 95 tkun teħtieġ valutazzjoni tal-impatt.
- L-emenda 113 timponi spejjeż sproporzjonati għat-trasportaturi bl-ajru.
- L-emendi 123 u 148 ipoġġu piż amministrattiv żejjed fuq il-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar.
- L-emenda 125 tpoġġi piż amministrattiv sproporzjonat u żejjed fuq it-trasportaturi bl-ajru u l-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar.

D. Bidliet oħrajn inklużi fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

13. Il-bidliet fis-sustanza meta mqabbla mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni jikkonċernaw prinċipalment ir-regoli dwar il-kumpens:
 - Il-passiġġieri li jiġu mgħarrfa bil-kanċellazzjoni tat-titjira tagħhom inqas minn 14-il jum qabel it-tluq issa huma intitolati għal kumpens f'bosta istanzi. Għal dak l-għan, it-trasportaturi bl-ajru jridu jipprovdur lill-passiġġieri fuq titjiriet ikkanċellati b'formola mimlija minn qabel biex jitolbu l-kumpens.

- L-istess limiti ta' distanzi jiġu applikati għall-kalkolu tad-dewmien u tal-ammont għall-kumpens: (1) għal vjaġġi ġewwa l-Unjoni u vjaġġi ta' inqas minn 3 500 km u (2) għal vjaġġi ta' aktar minn 3 500 km. Dawn il-limiti jirriflettu d-differenzi fir-restrizzjonijiet operazzjonali, l-esperjenzi tal-passiġġieri u l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u jiżguraw trattament ugwali tal-passiġġieri fuq vjaġġi fl-Unjoni.
- Il-pożizzjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-limiti tal-ħin għall-kumpens għal 4 u 6 sigħat ta' dewmien filwaqt li l-Kummissjoni pproponiet tliet limiti ta' 5 sigħat, 9 sigħat u 12-il siegħa skont id-distanza.
- L-ammont ta' kumpens fuq titjiriet ġewwa l-UE jew titjiriet ta' inqas minn 3 500 km żdied bi ftit biex jikkontrobilanċja ż-żieda ta' siegħa fil-limitu tal-ħin għad-dewmien. L-ammont ta' kumpens fuq titjiriet ta' aktar minn 3 500 km tnaqqas bi ftit sabiex jitnaqqsu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-kompetizzjoni internazzjonali fuq titjiriet fit-tul.
- It-trasportaturi bl-ajru jistgħu ma jilħqux ftehim volontarju mal-passiġġier li jissostitwixxi l-kumpens fi kwalunkwe każ ieħor għajr dak ta' imbark miċħud.
- Fi żmien tliet snin mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 fil-verżjoni li ser tirriżulta mill-emenda leġiżlattiva attwali, il-Kummissjoni għandha l-mandat li tivvaluta l-ħtieġa li taġġusta l-limiti għall-kumpens abbażi tal-istatistika dwar l-evoluzzjoni tal-kanċellazzjonijiet u d-dewmien minn ħames snin preċedenti u kull sena mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- Passiġġier għandu massimu ta' sitt xhur mid-data ta' meta seħħet l-interruzzjoni biex jissottometti talba jew ilment lit-trasportatur bl-ajru. Qed tiġi introdotta skadenza ta' 14-il jum mis-sottomissjoni tat-talba biex it-trasportatur bl-ajru jħallas il-kumpens jew jagħti tweġiba sostanzjata lill-passiġġier.

14. Bidliet oħra ta' sustanza jinsabu miġburin fil-qosor hawn taħt:

- L-obbligi tat-trasportaturi bl-ajru u tal-intermedjarji f'termini ta' informazzjoni prekontrattwali u informazzjoni f'każ ta' interruzzjoni ġew imsaħħa.
- Meta, f'każ ta' interruzzjoni, passiġġier jitlob ir-rimborż tat-titjira tiegħu, tali rimborż ikun awtomatiku.

- Ir-regoli dwar l-ġhoti ta' rotot alternattivi ttejbu b'mod sinifikanti. Jeħtieġ li trasportatur bl-ajru joffri alternattivi lill-passiġġieri għas-servizzi tiegħu stess (eż. servizzi minn trasportatur bl-ajru ieħor jew mezz tat-trasport ieħor) sabiex il-passiġġieri jaslu kemm jista' jkun malajr. Jekk it-trasportatur bl-ajru ma joffrix riprogrammar tar-rotta fi żmien tliet sigħat wara li l-passiġġier ikun ikkonferma l-għażla tiegħu li jingħata rotta alternattiva, il-passiġġier jista' jagħmel l-arranġamenti tiegħu.
- Ir-regoli dwar l-assistenza lill-passiġġieri ġew iċċarati u msaħħa wkoll. Id-drittijiet għal xorb, ikel u akkomodazzjoni huma deskritti fid-dettall. Jekk it-trasportatur tal-ajru ma jissodisfax l-obbligi ta' assistenza tiegħu, il-passiġġieri għandhom id-dritt li jagħmlu l-arranġamenti tagħhom u li jiġu rimborżati mit-trasportatur tal-ajru fi żmien 14-il jum.
- F'konformità mad-Direttiva dwar il-Pakketti tal-Ivvjaġġar, f'każ ta' ċirkostanzi straordinarji, trasportatur tal-ajru jista' jillimita l-akkomodazzjoni li tingħata għal tlett iljeli, mingħajr limitu massimu fuq il-prezz tal-lukanda. Il-limitazzjoni fuq l-għadd ta' ljeli ma tapplikax għal persuni bi bżonnijiet speċifiċi.
- F'każ ta' dewmien fuq it-tarmak, li huwa definit mill-ftuħ u l-għeluq tal-bibien, il-passiġġieri huma intitolati għal assistenza minima u jeħtieġ li jiġu żbarkati wara tliet sigħat.
- Id-drittijiet tal-passiġġieri bi bżonnijiet speċifiċi, bħall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u l-persuni b'diżabbiltà, iżda wkoll in-nisa tqal, it-tfal u l-persuni bi ħtiġijiet mediċi speċifiċi, qed jissaħħu b'mod sinifikanti. Ma jistax jiċċaħħad l-imbark ta' persuni bi bżonnijiet speċifiċi. Qed tiġi introdotta l-possibbiltà li l-persuni bi bżonnijiet speċifiċi jkun akkumpanjati minn klieb ta' assistenza rikonoxxuti u dawn il-persuni jistgħu jingħataw post maġenb il-persuni li jkun qed jakkumpanjawhom. F'każ ta' ħsara, telf jew distruzzjoni ta' tagħmir ta' mobbiltà jew korriment jew mewt ta' klieb ta' assistenza rikonoxxuti, it-trasportatur tal-ajru jeħtieġ li jipprovdi sostituzzjoni temporanja jew soluzzjoni ta' sostituzzjoni alternattiva.
- Bil-ħsieb li jkun hemm kundizzjonijiet aktar ekwi bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha l-mandat li tivvaluta, fi żmien tliet snin mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-fattibbiltà ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għal passiġġieri li jaslu minn pajjiżi terzi fuq titjiriet operati minn trasportaturi tal-ajru ta' pajjiżi terzi, u li tirrakkomanda toroq possibbli futuri biex jissolvew kunflitti ta' ġurisdizzjoni u ta' infurzar.

- Il-Kunsill iċċara d-dimensjonijiet tal-oġġett personali li jikkostitwixxi element essenzjali tal-vjaġġi tal-passiġġieri li jistgħu jgħibu magħhom fil-kabina mingħajr spejjeż żejda.

IV. **KONKLUŻJONI**

Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta test ibbilanċjat b'kont meħud tal-interessi varji kollha involuti. Huwa jistenna b'interess diskussjonijiet kostruttivi mal-Parlament Ewropew fit-tieni qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament.
